**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Ottubru, 2018

Rikors Guramentat numru : 371/11 AL

A B

vs

C D nominat bhala kuratur ta' S D skont Digriet numru 94/2011 (Ara Dok 'A') u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2015 L D giet nominata bhala kuratur ad litem sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-konvenut binha
S D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti zzewget lil S D fit-tnax ta’ Gunju tas-sena elfejn u disa (12/06/2009) f’Malta. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal ;
2. Illi qabel izzewgu l-partijiet, bl-assistenza ta’ interpretu u konsulent legali, ffirmaw fid-disa ta’ Gunju tas-sena elfejn u disa (09/06/2009) ‘ante nuptial contract’ fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber (Ara Dok ‘B’) ;
3. Illi in forza ta’ dana l-kuntratt il-partijiet ftehmu : (i) li jeskludu bejniethom il-komunjoni ta’ l-akkwisti, (ii) li l-intimat S D jittrasferixxi lill-esponenti s-somma ta’ ghaxart elef euro (€10,000) bl-imghaxijiet li huwa kellu depozitati mal-Credit Europe Bank, u s-somma ta’ tnax-il elf euro (€12,000) bl-imghaxijiet li huwa kellu depozitati mal-Bank of Valletta p.l.c., (iii) li l-esponenti kellha kreditu kontra S D fis-somma ta’ hamest elef euro (€5,000) u obbliga ruhu li jhallasha sal-wiehed u tletin ta’ Awissu tas-sena elfejn u disa (31/08/2009), u (iv) li S D jhallasha mid-data taz-zwieg taghha manteniment ta’ hames mitt euro (€500) fix-xahar, u (v) l-istess S D jhallas lill-esponenti s-somma ta’ sittin elf euro (€60,000) bhala ‘settlement’ jekk il-partijiet jisseparaw.
4. Illi wara li l-partijiet izzewgu l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli. Fil-fatt l-affarijiet bejniethom inbidlu :
   (i) S D beda jabbandunaha wahedha d-dar biex jinfexx fil-vizzju tieghu tal-loghob gol-Casinos ;
   (ii) S D beda jhalliha nieqsa mill-flus u spiccat kompletament dipendenti minnu anki ghall-ikel ta’ kulljum ;
   (iii) S D beda jaqtaghha mill-hbieb taghha, kien jifthilha l-korrispondenza taghha, u kien jissemmalha t-telefonati ;
   (iv) S D kien aggressiv maghha f’zewg okkazzjonijiet u ezercita vjolenza fuq martu u minhabba f’hekk hija kellha titlaq mid-dar matrimonjali u l-konvivenza taghhom giet reza impossibli ;
5. Illi l-esponenti ma hadet xejn minn dawk il-flejjez imsemmija fl-‘ante nuptial agreement’, u mhux talli hekk talli qabel telqet minn Malta C D, missier S, gabilha l-

Pulizija u hadilha prattikament kollox inkluz ir-rigali li kien ta S u anke l-affarijiet li kienu taghha personali ;

6. Illi l-esponenti ghalhekk qed tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma zewgha u b'Digriet tal-15 ta' Dicembru 2011 dina il-Qorti awtorizzatha tipprocedi bic-citazzjoni opportuna (Ara Dok. 'C') ;

Talbet ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut S D;
2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici skont kif provvdut fil-kitba taz-zwieg (Dok 'B');
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-flejjes kollha imsemmija fl-imsemmi kitba taz-zwieg inkluz il-flus tal-Credit Europe Bank u tal-Bank of Valletta p.l.c. u s-'settlement' dovut lilha f'kaz ta' separazzjoni (Dok. 'B');
4. Tordna lill-konvenut sabiex okkorrendo jikkonsenja lill-esponenti l-beni dotali u parafernali taghha, nkluz ir-rigali li kien ta;
5. Tapplika kontra il-konvenut, interament jew in parte, d-dispozizzjojnijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 130/2011 prezentat flimkien ma l-ittra ta' Medjazzjoni kontra l-intimat nomine minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut nomine, li permezz taghha eccepixxa : (fol 29)

1. Illi in linea preliminari dina l-Qorti ghandha tordna is-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri stante procedure pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li qed

jimpunjaw il-ftehim 'ante-nuptial contract' datat 9 ta' Gunju 2009 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess ftehim ghandu jigi injorat minn dina il-Qorti stante li hu null u bla effett peress illi l-kunsens ta' S D ittiehed b'ingann u konsegwentement il-kunsens tieghu kien ivvizzjat;
3. Illi l-esponent jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata separazzjoni pesonali bejn il-kontendenti izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici;
4. Illi ghandu jinghad illi kienet l-attrici illi simulat iz-zwieg sabiex taghmel negozju minn fuq dahar il-konvenut nomine, tant hu hekk illi kif ser jirrizulta mis-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza l-attrici abbandunat lil zewgha sitt gimghat biss wara iz-zwieg u qed tippretendi Ii tiskatta il-ftehim null minnha citat;
5. Illi t-tieni talba ghall-hlas ta' manteniment ghandha tigi respinta stante illi fl-ewwel lok il-kitba taz-zwieg hija nulla u bla effett u di piu' l-attrici iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment;
6. Illi t-tielet talba ukoll ghandha tigi michuda stante illi l-kitba li bis-sahha taghha qed tippretendi li tithallas l-attrici hi nulla u bla effett;
7. Illi l-esponenti jirrileva li ma ghandu ebda beni dotali u parafernali ta' l-attrici fil-pussess tieghu;
8. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda stante illi id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kap. 16 semmai ghandhom jigu applikati kontra l-attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut nomine;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Greta Mifsud Agius;

Rat illi permezz ta' digriet tal-15 ta' Frar 2011 mogħti mill-Onor. Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), S D ġie inabilitat u inkapaċitat.[1]

Rat illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Jannar 2017[2], fl-ismijiet inversi, il-Qorti caħdet l-appell ta' A B u kkonfermat bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-30 ta' Lulju 2012[3] illi permezz tagħha il-Qorti ddikjarat li l-kunsens ta' S D fuq il-kuntratt tad-9 ta' Ġunju 2009 ippubblikat min-Nutar Dottor Patricia Vella Haber ittieħed b'egħmil doluż min-naħa tal-konvenuta u konsegwentement ordnat ir-rexissjoni tal-kuntratt. **Illi għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiskarta kwalsiasi xiehda kif ukoll it-talbiet kollha tal-attriċi li huma msejsa fuq il-kuntratt ippubblikat fid-9 ta' Ġunju 2009 appena ċċitat,** liema kuntratt b'effett tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2017, ġie rexiss.

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess il-31 ta' Ottubru 2018, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta nomine sabiex it-talba għas-separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[4].

Rat illi b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2018, il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi D, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

[1] Kopja Legali esebita fol. 8
[2] Kopja Legali tinsab esebita fol. 145;
[3] Rikors Ġuramentat: 945/09AE
[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna. Hija titlob li l-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat;
- Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni dotali u parafernali tagħha;

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Il-partijiet iżżewġu nhar it-12 ta' Ġunju 2009. Minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Permezz tal-affidavit tagħha[5], l-**attriċi** tispjega illi hija twieldet ġewwa Minsk fil-Belarus u kellha tfulija sabiħa. Akkwistat Masters Degree of Finance and Credit u qabel ma ltaqgħet mal-konvenut hija kienet taħdem m'aġenzija tar-riklamar ġewwa Moska fejn kellha paga tajba. Fil-Belarus, kellha propjeta` u vettura.

Il-partijiet iltaqgħu f'Moska u l-konvenut kien jagħti ħafna attenzjoni lill-attriċi li kienet tieħu gost biha. Deher *"loving and caring"* u għalhekk meta l-konvenut telaq minn Moska żammu l-kuntatt permezz tal-posta elettronika. Tirrakkonta[6] li fl-għerusija l-partijiet iltaqgħu ġewwa Dubai u Varsavja, fejn kien il-konvenut li ħallas għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni f'lukanda sabiħa. F'Dubai xtralha Mink coat u basket. Qalilha li kellu l-propjeta` f'Malta u dħul ta' madwar għoxrin elf Ewro fix-xahar (€20,000).

[5] Affidavit fol. 64;

[6] Fix-xiehda tagħha tas-seduta tas-7 t'Ottubru 2011, fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet inversi Rikors Numru 945/2009, liema xiehda ġiet debitament ammessa f'dawn il-proċeduri; fol. 87 et seq.

A ġiet Malta fil-21 ta' Frar 2009 u S kien ipproponilha ż-żwieġ. L-attriċi ħasset illi ma kinux jafu lil xulxin sew, imma l-konvenut ipperswadieha u hija kienet tħossha attirata lejh. Iżżewġu fit-12 ta' Ġunju 2009 fid-Dragonara, liema żwieġ kienu ppreparaw għalih S u missieru, C. Kien ipperswadieha sabiex ma jiġux il-familja tagħha għat-tieġ ħalli jitilqu dritt għall-qamar il-għasel. Huma marru tlett'ijiem Venezja għall-qamar il-għasel imma żewġha għadda ħafna mill-ħin jilgħab fil-Każino. Meta ġew lura Malta, indunat illi l-vizzju tal-logħob S kien kisbu mingħand missieru għaliex lil dan sabuh fil-flat tagħhom f'Buġibba, kullimkien truf tas-sigaretti, u sakemm damu msefrin irnexxielu jitlef €100,000.

Qabel ma żżewġu S kien wiegħedha li ser jiftħilha kont bankarju b'ħamest'elef Ewro (€5,000) hawn Malta sabiex tkun indipendenti minnu finanzjarjament. Huwa ma ridhiex tħoss wisq in-nuqqas li kienet ser titlaq pajjiżha, l-impjieg tagħha u l-familja u l-ħbieb sabiex setgħet tkun miegħu. Madankollu meta żżewġu dan ma seħħx u l-konvenut beda jixtri kollox hu u kienet dipendenti għal kollox fuqu. Wara ż-żwieġ, il-ħajja tal-koppja inbidlet drastikament għaliex S kien iqatta' sigħat twal jilgħab fil-każinos. Sar manipulattiv bil-flus billi ma kienx iħalli flus għall-għixien u kienet tiddependi fuqu imqar għall-ikel ta' kuljum. Darba minnhom telaq mid-dar biex jilgħab kmieni wara nofsinhar u lilha ħalliha d-dar mingħajr flus u ikel. Huwa rritorna tard bil-lejl u ddispjaċih ta' dak illi kien għamel u kien ħallielha nota t'apoloġija[7] u xtralha par imsielet.

Beda jikkontrolla il-kuntatti tagħha u ma kienx iħalliha tiltaqa' ma' ħbieb nisa tagħha. Darba minnhom segwieha sas-Sauna fejn kienet ma' xi ħbieb nisa u fetaħ il-bieb fuqhom sabiex jaċċerta ruħu ma' min kienet. Kien jiftħilha l-posta, u jissemma lil min iċempillha. Ma ħallihiex iktar tattendi l-iskola tal-Ingliż u nsista li minflok l-għalliema tibda tmur id-dar. Lanqas ċavetta tal-appartament ma taha.

Pero` ir-raġuni prinċipali għaliex hija telqet lill-konvenut kienet propjament l-aggressivita` tiegħu. Jum minnhom, huwa tilef it-

[7] Esebita, fol. 76;

tempra u imbuttaha. Xtaqet tmur lejn pajjiżha, imma missieru kkonvinċieha tibqa' billi qalilha *"this is normal, it is bound to happen in family, nobody die, why all the fuss"*. S wiegħedha li qatt ma jerġa' jiġri dan imma fil-11 t'Awwissu 2009 reġgħet ġiet imsawta severament minnu. Hija marret għand it-tabib li rrilaxxa ċertifikat tal-feriti.[8] Kien mar jilgħab il-każino fejn tilef madwar €400. X'ħin mar lura d-dar beda jilgħab onlajn u tilef xi €4,000 oħra u b'hekk iddispra. L-attriċi marret tkellmu u nfexx isawwatha. B'hekk hija telqet mid-dar.

Il-Pulizija bagħtu għaliha u talbuha tmur l-Għassa ta' Buġibba. Huma assistewha biex tieħu l-passaport u l-oġġetti tagħha mid-dar matrimonjali. Missier S akkumpanjahom biex jaċċerta ruħu li tħalli ir-rigali kollha li xtralha S u sal-imsielet minn widnejha qalgħulha. Fil-fixkla, hija ħalliet warajha żewġt'iċrieket li xtrat minn flusha, wieħed minn Malta u ieħor minn Dubai.

Hija ssostni li S D qatt m'urieha ebda sinjal illi ma kienx mentalment stabbli.

Xehed ukoll **Dottor Mario Scerri**[9], illi kkonferma bil-ġurament iċ-ċertifikat rilaxxat minnu tal-11 t'Awwissu 2009. Huwa xehed li l-pazjenta qaltlu li kien is-sieħeb tagħha li refa' jdejh fuqha.

Il-verżjoni konvenuta hija ferm differenti. L-intimat ma tax ix-xiehda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Xehdet ommu u l-kuratur tiegħu **L D** permezz tal-affidavit[10], fejn tat verżjoni kemmxejn differenti. Hija qalet li dwar A ma tantx kienet taf għaliex din qatt ma daħlet id-dar u ltaqgħet mal-familja, la qabel u lanqas wara ż-żwieġ. Ix-xhud stiednet lill-partijiet għandha iktar minn darba matul is-sena 2009, anke jekk ir-relazzjoni tagħhom ma damitx iktar minn ftit ġimgħat. Għalhekk meta binha kien infurmaha li kien bi ħsiebu jiżżewweġ lill-attriċi, kienet ħaditha ftit bi kbira. Kienet tagħtu l-parir li jsir jafha aħjar qabel ma jagħmel l-arranġamenti għaż-żwieġ. Minkejja kollox, binha deher infatwat

---

[8] Ċertifikat ta' Dottor Mario Scerri ddatat il-11 t'Awwissu 2009 ikkonferma li fuq il-persuna ta' Ksenya sab tbenġila kbira fuq ix-xellug ta' wiċċha u oħra vjola ma' saqajha x-xellugija, fol. 77;
[9] Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assitent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-4 ta' April 2013, fol. 117;
[10] esebit fol. 162;

minn din il-mara u bid-dehra tagħha. Ix-xhud ratha l-ewwel darba b'kumbinazzjoni fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Tgħid li hija lanqas felħet twaqqafhom biex jgħidu kelma għax kienet rat lilha għaddejja mara sabiħa, liebsa sabiħ u kollox pulit, bit-tifel tagħha xi ftit metri warajha jġorr il-basktijiet bix-xiri tal-ħwejjeġ tagħha. Dakinhar ix-xhud ħebritha qalbha li kien hemm xi ħaġa mhux normali f'din ir-relazzjoni.

Tgħid illi l-preparamenti taż-żwieġ sar kollox b'għaġġla u żżewġu fit-12 ta' Ġunju tal-istess sena. Kienet ċerimonja sempliċi bi żwieġ fir-Reġistru Pubbliku u żewġ ix-xhud kien ħallas ikla ta' ċelebrazzjoni wara. Preżenti kien hemm biss ftit ħbieb tal-għarus u ftit membri tal-familja tagħhom. Tgħid li ma stednux lil kulħadd għaliex S kien diġa qiegħed jieħu kura għas-saħħa mentali tiegħu, u inoltre kienu qed iħossu li dan iż-żwieġ kien xi ħaġa barra min-normal. Tgħid illi sa dakinhar, ma kienu jafu lil ħadd mill-familja tagħha u ftit li xejn kienu jafu fuq l-istess attriċi.

Tiftakar li xi erba' ġimgħat wara ż-żwieġ, S kien tkellem ma' missieru u fetaħ qalbu dwar il-kuntratt li sar bejnu u bejn l-attriċi qabel iż-żwieġ. S irrakkontalu wkoll illi fil-ftit taż-żmien li kien ilhom miżżewġin, l-attriċi kienet tqatta' ħafna ħin barra u qatt ma sajret jew ħaslet il-ħwejjeġ. Inoltre, iż-żwieġ ma kienx ġie kkonsmat u lanqas biss kienu qegħdin jorqdu fl-istess sodda. L-attriċi kienet tgħajru oħxon, imbagħad tħeġġu joħorġu jieklu barra. Appena tordna l-ikel, tibagħtu jiekol fuq mejda waħdu u tgħidlu li kienet tistħi tpoġġi miegħu.

Sakemm S u l-missier kienu qegħdin jitkellmu, A kienet id-dar u għalhek żewġ ix-xhud talabha li ssir emenda fil-kuntratt ta' qabel iż-żwieġ sabiex kollox jidħol fis-seħħ wara ħames snin ta' żwieġ. Din il-proposta xejn m'għoġbot lill-attriċi. Hija informat lill-konvenut li riedet toħroġ mid-dar u ssuġġeriet li jmorru jieħdu kafe fil-Melita Café ġewwa Ħ'Attard. Minn hemm, jidher li kienet għamlet arranġamenti oħrajn għaliex kien hemm xi ħadd jistenniha u telqet f'vettura ma' raġel ieħor.

Tgħid illi għalihom kien ċar illi l-attriċi kienet qiegħda tieħu vantaġġ tal-qagħda medika tiegħu. Dan iż-żmien, S kien diġa

għamel perjodu ġewwa l-iSptar Monte Karmeli u kien magħruf mill-konsulenti mediċi tiegħu bħala persuna vulnerabbli u persuna li faċilment jiġi manipulat. Tixhed illi binha, ta' madwar għoxrin sena, ġie dijanjożat illi jbati minn *paranoid schizophrenia* u għalhekk dan l-episodju xejn m'għamillu ġid. Fil-preżent jinstab stabbli u jgħix b'mod permanenti ġewwa Tarxien Hostel amministrat minn Richmond Foundation.

**Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-partijiet huma ugwalment ħatja tat-tkissir taż-żwieġ u li t-tnejn ikkawżaw lil xulxin sevizzi u nġurji gravi.**

Issir referenza għall-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16[11] tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipula "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[12] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[13] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

---

[11] Il-Kodiċi Ċivili;

[12] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[13] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

L-Artikolu appena ċċitat isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[14] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[15]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, **l-inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-aġir tal-attriċi li tiżżewweġ lill-konvenut ma kienx għajr attentat tagħha li tgħix fil-ħajja ta' lussu u divertiment illi huwa kien ippreżentalha fil-ftit tax-xhur tal-għerusija. Ċertament illi l-motivazzjoni tagħha ma kinitx l-imħabba iżda l-flus. Hemm ċerti diskrepanzi fix-xiehda tagħha li jqanqlu dubji dwar il-verżjoni illi tirrakkonta bħal fatt li emmnet lill-konvenut li mingħajr ċittadinanza ma setax jiftħilha kont bankarju hawn Malta, meta hija gradwata bil-Masters fil-finanzi u l-ekonomija. Tiddeskrivi l-iżolament li riedha fih żewġha imma fiż-żewġ okkażjonijiet li xtaqet tallontana ruħha mid-dar, sabet ħbieb lestii biex jgħinuha, allura ma kinitx daqstant weħidha. Lanqas ma jagħmel sens li S ma kienx jipprovdilha ikel, imma kellha flus biżżejjed biex tmur is-sauna.

S D min-naħa tiegħu u fil-kondizzjoni severa tiegħu, qatt ma missu żżewweġ jew tħalla jiżżewweġ[16]. M'hemm l-ebda prova li

---

[14] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[15] Vol. XLV C.ii.708

[16] għat-tieni darba!! Jirriżulta mis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet inversi, ġja ċċitata, illi Stefan Spiteri kien diġa żżewweġ ma' mara oħra barranija u ddivorzjaha. Fol. 53 et seq.

tindika li l-attriċi kienet konsapevoli tal-marda akuta u permanenti li minnha kien qiegħed ibati l-konvenut. Il-fatt li l-familja tal-konvenut ma żvelawx dan lill-attriċi, u li ma impedewx iż-żwieġ kienet ta' moħqrija fuq l-attriċi. Inoltre, il-konvenuti ma kkontestawx il-vizzju kbir tal-logħob li għandu S D u lanqas ikkontestaw in-natura aggressiva tiegħu. Illi dawn iż-żewġ kwalitajiet ma tantx setgħu jirrendu l-ħajja matrimonjali feliċi u b'hekk S D huwa kkunsidrat ugwalment ħati għat-tkissir taż-żwieġ.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija ugwali taż-żewġ partijiet, li rrendew ruħhom ħatja ta' moħqrija (sevizzi) u inġurji gravi fil-konfront ta' xulxin.

## 2. Dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 52

Permezz tal-ħames talba tagħha, l-attriċi talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi D sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet.

It-tortijiet imputabbli lill-konvenut, ta' moħqrija u nġurji gravi, huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk, b'differenza minn kawżali oħrajn, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet huma abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[17];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Fir-rigward tal-ħtijiet tal-attriċi stess, li wkoll hija ħatja ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront ta' żewġha, il-Qorti għandha l-fakolta` illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, u minkejja n-nuqqas tat-talba appożita mill-konvenut, tapplika wkoll l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-attriċi, kif effettivament sejra tagħmel.

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, in toto, fil-konfront taż-żewġ partijiet.

### 3. Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

[17] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Rigward it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[18]

M'huwiex kontradett illi l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali f'Awwissu 2009. Minn dakinhar il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw jew għexu flimkien. Il-proċeduri tad-divorzju ġew intavolati fit-8 ta' Frar 2017. Kif intqal, m'hemmx lok ta' manteniment bejn il-partijiet u għalhekk ma jistgħux jirriżultaw kwistjonijiet dwar dan.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju. Jirriżulta illi meta l-konvenuta nomine ressqet it-talba għad-divorzju, il-partijiet kien ilhom *de facto* separati għal iktar minn disa' (9) snin. M'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment.

[18] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Illi kif diġa ntqal, il-partijiet kienu resqu għall-kuntratt ta' qabel iż-żwieġ, fejn *inter alia* huma eskludew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Illi dan il-kuntratt ġie rexiss fuq ordni tal-Qorti bil-konsegwenza illi l-istipulazzjoni dwar l-esklużjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġiet ugwalment rexissa. B'hekk dan ifisser illi fin-nuqqas ta' stipulazzjoni valida rigward ir-reġim patrimonjali illi japplika bejn il-partijiet, huwa r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li jirregola l-assi tal-konjuġi. Dana ai termini tal-Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula:

***1316. (1) Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku.***

**Illi f'dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun għaqli, minkejja li m'għandhiex domanda f'dan is-sens, illi tiddikjara li bil-preżenti, l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi D qiegħda tiġi xolta.**

## 5. Dwar il-krediti dotali u parafernali tal-attriċi

L-attriċi tinsisti illi fil-fixkla li biha telqet mid-dar matrimonjali, hija ħalliet warajha żewġt'iċrieket li xtrat minn flusha. Wieħed xtratu minn Malta fil-21 ta' Frar 2009 u l-ieħor minn Dubai fit-8 ta' Mejju 2009. Hija tesebixxi riċevuti[19] in sostenn ta' dan, liema rċevuti pero` ma jikkonvinċuh lill-Qorti li l-istess oġġetti tħallsu minn flus A personalment. L-irċevuta taċ-ċurkett li nxtara minn Malta fit-23 ta' Frar 2009[20] m'hijiex intestata. L-istess jingħad għall-irċevuta tal-gojjellerija mixtrija minn Dubai fit-8 ta' Mejju 2009[21], iżda l-firma tal-klijent fuq l-istess riċevuta m'għandha l-ebda xebħ mal-firma tal-istess attriċi fuq l-affidavit. Illi b'hekk, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dawn inxtraw minn assi parafernali tal-attriċi.

---

[19] Fol. 78 et seq.

[20] Fol. 84

[21] Fol. 85

L-imsielet tad-djamanti inxtraw minn S D ftit tal-jiem qabel iż-żwieġ, ossia fid-9 ta' Ġunju 2009[22]. L-attriċi ssostni li dawn ingħataw lilha bħala rigal tat-tieġ u għandhom jiġu restitwiti lilha. Illi in vista li l-Qorti qiegħda tapplika l-effetti kollha tal-Artikolu 48 fil-konfront taż-żewġ partijiet, dana jfisser illi l-attriċi tilfet dak kollu li kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ. Effettivament dana jfisser illi hija m'għandhiex il-jedd illi tirkupra l-imsielet tad-djamanti illi l-konvenut kien xtralha bħala rigal tat-tieġ.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ, ossija d-divorzju, bejn il-partijiet konjuġi D, bi ħtijiet imputabbli ugwalment liż-żewġ partijiet;

[2] Tiċħad it-tieni talba attriċi in vista li l-kitba taż-żwieġ bejn il-partijiet ġiet rexissa fuq ordni tal-Qorti tal-Appell;

[3] Tiċħad it-tielet talba attriċi għall-istess raġuni;

[4] Tiċħad ir-raba' talba;

[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tapplika kontra S D l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-istess Kodiċi, tapplika wkoll kontra l-attriċi, l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[6] Tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet qiegħda tiġi xolta b'effett mill-preżenti;

---

[22] Riċevuta fol. 78;

[7] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, in vista tal-ħtijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taż-żwieġ, dawn ikunu sopportati ugwalment mill-partijiet.

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Greta Mifsud Agius;

Rat illi permezz ta' digriet tal-15 ta' Frar 2011 mogħti mill-Onor. Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), S D ġie inabilitat u inkapaċitat.[23]

Rat illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Jannar 2017[24], fl-ismijiet inversi, il-Qorti caħdet l-appell ta' A B u kkonfermat bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-30 ta' Lulju 2012[25] illi permezz tagħha il-Qorti ddikjarat li l-kunsens ta' S D fuq il-kuntratt tad-9 ta' Ġunju 2009 ippubblikat min-Nutar Dottor Patricia Vella Haber ittieħed b'egħmil doluż min-naħa tal-konvenuta u konsegwentement ordnat ir-rexissjoni tal-kuntratt. **<u>Illi għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiskarta kwalsiasi xiehda kif ukoll it-talbiet kollha tal-attriċi li huma msejsa fuq il-kuntratt ippubblikat fid-9 ta' Ġunju 2009 appena ċċitat,</u>** liema kuntratt b'effett tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2017, ġie rexiss.

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess il-31 ta' Ottubru 2018, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta nomine sabiex it-talba għas-separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-

---

[23] Kopja Legali esebita fol. 8
[24] Kopja Legali tinsab esebita fol. 145;
[25] Rikors Ġuramentat: 945/09AE

pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[26].

Rat illi b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2018, il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi D, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna. Hija titlob li l-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat;
- Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni dotali u parafernali tagħha;

## 6. <u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

Il-partijiet iżżewġu nhar it-12 ta' Ġunju 2009. Minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Permezz tal-affidavit tagħha[27], l-**attriċi** tispjega illi hija twieldet ġewwa Minsk fil-Belarus u kellha tfulija sabiħa. Akkwistat Masters Degree of Finance and Credit u qabel ma ltaqgħet mal-konvenut hija kienet taħdem m'aġenzija tar-riklamar ġewwa

[26] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[27] Affidavit fol. 64;

Moska fejn kellha paga tajba. Fil-Belarus, kellha propjeta` u vettura.

Il-partijiet iltaqgħu f'Moska u l-konvenut kien jagħti ħafna attenzjoni lill-attriċi li kienet tieħu gost biha. Deher *"loving and caring"* u għalhekk meta l-konvenut telaq minn Moska żammu l-kuntatt permezz tal-posta elettronika. Tirrakkonta[28] li fl-għerusija l-partijiet iltaqgħu ġewwa Dubai u Varsavja, fejn kien il-konvenut li ħallas għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni f'lukanda sabiħa. F'Dubai xtralha Mink coat u basket. Qalilha li kellu l-propjeta` f'Malta u dħul ta' madwar għoxrin elf Ewro fix-xahar (€20,000).

A ġiet Malta fil-21 ta' Frar 2009 u S kien ipproponilha ż-żwieġ. L-attriċi ħasset illi ma kinux jafu lil xulxin sew, imma l-konvenut ipperswadieha u hija kienet tħossha attirata lejh. Iżżewġu fit-12 ta' Ġunju 2009 fid-Dragonara, liema żwieġ kienu ppreparaw għalih S u missieru, C. Kien ipperswadieha sabiex ma jiġux il-familja tagħha għat-tieġ ħalli jitilqu dritt għall-qamar il-għasel. Huma marru tlett'ijiem Venezja għall-qamar il-għasel imma żewġha għadda ħafna mill-ħin jilgħab fil-Każino. Meta ġew lura Malta, indunat illi l-vizzju tal-logħob S kien kisbu mingħand missieru għaliex lil dan sabuh fil-flat tagħhom f'Buġibba, kullimkien truf tas-sigaretti, u sakemm damu msefrin irnexxielu jitlef €100,000.

Qabel ma żżewġu S kien wiegħedha li ser jiftħilha kont bankarju b'ħamest'elef Ewro (€5,000) hawn Malta sabiex tkun indipendenti minnu finanzjarjament. Huwa ma ridhiex tħoss wisq in-nuqqas li kienet ser titlaq pajjiżha, l-impjieg tagħha u l-familja u l-ħbieb sabiex setgħet tkun miegħu. Madankollu meta żżewġu dan ma seħħx u l-konvenut beda jixtri kollox hu u kienet dipendenti għal kollox fuqu. Wara ż-żwieġ, il-ħajja tal-koppja inbidlet drastikament għaliex S kien iqatta' sigħat twal jilgħab fil-każinos. Sar manipulattiv bil-flus billi ma kienx iħalli flus għall-għixien u kienet tiddependi fuqu imqar għall-ikel ta' kuljum. Darba minnhom telaq mid-dar biex jilgħab kmieni wara

---

[28] Fix-xiehda tagħha tas-seduta tas-7 t'Ottubru 2011, fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet inversi Rikors Numru 945/2009, liema xiehda ġiet debitament ammessa f'dawn il-proċeduri; fol. 87 et seq.

nofsinhar u lilha ħalliha d-dar mingħajr flus u ikel. Huwa rritorna tard bil-lejl u ddispjaċih ta' dak illi kien għamel u kien ħallielha nota t'apoloġija[29] u xtralha par imsielet.

Beda jikkontrolla il-kuntatti tagħha u ma kienx iħalliha tiltaqa' ma' ħbieb nisa tagħha. Darba minnhom segwieha sas-Sauna fejn kienet ma' xi ħbieb nisa u fetaħ il-bieb fuqhom sabiex jaċċerta ruħu ma' min kienet. Kien jiftħilha l-posta, u jissemma lil min iċempillha. Ma ħallihiex iktar tattendi l-iskola tal-Ingliż u nsista li minflok l-għalliema tibda tmur id-dar. Lanqas ċavetta tal-appartament ma taha.

Pero` ir-raġuni prinċipali għaliex hija telqet lill-konvenut kienet propjament l-aggressivita` tiegħu. Jum minnhom, huwa tilef it-tempra u imbuttaha. Xtaqet tmur lejn pajjiżha, imma missieru kkonvinċieha tibqa' billi qalilha *"this is normal, it is bound to happen in family, nobody die, why all the fuss"*. S wiegħedha li qatt ma jerġa' jiġri dan imma fil-11 t'Awwissu 2009 reġgħet ġiet imsawta severament minnu. Hija marret għand it-tabib li rrilaxxa ċertifikat tal-feriti.[30] Kien mar jilgħab il-każino fejn tilef madwar €400. X'ħin mar lura d-dar beda jilgħab onlajn u tilef xi €4,000 oħra u b'hekk iddispra. L-attriċi marret tkellmu u nfexx isawwatha. B'hekk hija telqet mid-dar.

Il-Pulizija bagħtu għaliha u talbuha tmur l-Għassa ta' Buġibba. Huma assistewha biex tieħu l-passaport u l-oġġetti tagħha mid-dar matrimonjali. Missier S akkumpanjahom biex jaċċerta ruħu li tħalli ir-rigali kollha li xtralha S u sal-imsielet minn widnejha qalgħulha. Fil-fixkla, hija ħalliet warajha żewġt'iċrieket li xtrat minn flusha, wieħed minn Malta u ieħor minn Dubai.

Hija ssostni li S D qatt m'urieha ebda sinjal illi ma kienx mentalment stabbli.

---

[29] Esebita, fol. 76;

[30] Ċertifikat ta' Dottor Mario Scerri ddatat il-11 t'Awwissu 2009 ikkonferma li fuq il-persuna ta' Ksenya sab tbenġila kbira fuq ix-xellug ta' wiċċha u oħra vjola ma' saqajha x-xellugija, fol. 77;

Xehed ukoll **Dottor Mario Scerri**[31], illi kkonferma bil-ġurament iċ-ċertifikat rilaxxat minnu tal-11 t'Awwissu 2009. Huwa xehed li l-pazjenta qaltlu li kien is-sieħeb tagħha li refa' jdejh fuqha.

Il-verżjoni konvenuta hija ferm differenti. L-intimat ma tax ix-xiehda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Xehdet ommu u l-kuratur tiegħu **L D** permezz tal-affidavit[32], fejn tat verżjoni kemmxejn differenti. Hija qalet li dwar A ma tantx kienet taf għaliex din qatt ma daħlet id-dar u ltaqgħet mal-familja, la qabel u lanqas wara ż-żwieġ. Ix-xhud stiednet lill-partijiet għandha iktar minn darba matul is-sena 2009, anke jekk ir-relazzjoni tagħhom ma damitx iktar minn ftit ġimgħat. Għalhekk meta binha kien infurmaha li kien bi ħsiebu jiżżewweġ lill-attriċi, kienet ħaditha ftit bi kbira. Kienet tagħtu l-parir li jsir jafha aħjar qabel ma jagħmel l-arranġamenti għaż-żwieġ. Minkejja kollox, binha deher infatwat minn din il-mara u bid-dehra tagħha. Ix-xhud ratha l-ewwel darba b'kumbinazzjoni fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Tgħid li hija lanqas felħet twaqqafhom biex jgħidu kelma għax kienet rat lilha għaddejja mara sabiħa, liebsa sabiħ u kollox pulit, bit-tifel tagħha xi ftit metri warajha jġorr il-basktijiet bix-xiri tal-ħwejjeġ tagħha. Dakinhar ix-xhud ħebritha qalbha li kien hemm xi ħaġa mhux normali f'din ir-relazzjoni.

Tgħid illi l-preparamenti taż-żwieġ sar kollox b'għaġġla u żżewġu fit-12 ta' Ġunju tal-istess sena. Kienet ċerimonja sempliċi bi żwieġ fir-Reġistru Pubbliku u  żewġ ix-xhud kien ħallas ikla ta' ċelebrazzjoni wara. Preżenti kien hemm biss ftit ħbieb tal-għarus  u ftit membri tal-familja tagħhom. Tgħid li ma stednux lil kulħadd għaliex S kien diġa qiegħed jieħu kura għas-saħħa mentali tiegħu, u inoltre kienu qed iħossu li dan iż-żwieġ kien xi ħaġa barra min-normal. Tgħid illi sa dakinhar, ma kienu jafu lil ħadd mill-familja tagħha u ftit li xejn kienu jafu fuq l-istess attriċi.

Tiftakar li xi erba' ġimgħat wara ż-żwieġ, S kien tkellem ma' missieru u fetaħ qalbu dwar il-kuntratt li sar bejnu u bejn l-attriċi qabel iż-żwieġ. S irrakkontalu wkoll illi fil-ftit taż-żmien li kien

---

[31] Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assitent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-4 ta' April 2013, fol. 117;

[32] esebit fol. 162;

ilhom miżżewġin, l-attriċi kienet tqatta' ħafna ħin barra u qatt ma sajret jew ħaslet il-ħwejjeġ. Inoltre, iż-żwieġ ma kienx ġie kkonsmat u lanqas biss kienu qegħdin jorqdu fl-istess sodda. L-attriċi kienet tgħajru oħxon, imbagħad tħeġġu joħorġu jieklu barra. Appena tordna l-ikel, tibagħtu jiekol fuq mejda waħdu u tgħidlu li kienet tistħi tpoġġi miegħu.

Sakemm S u l-missier kienu qegħdin jitkellmu, A kienet id-dar u għalhek żewġ ix-xhud talabha li ssir emenda fil-kuntratt ta' qabel iż-żwieġ sabiex kollox jidħol fis-seħħ wara ħames snin ta' żwieġ. Din il-proposta xejn m'għoġbot lill-attriċi. Hija informat lill-konvenut li riedet toħroġ mid-dar u ssuġġeriet li jmorru jieħdu kafe fil-Melita Café ġewwa Ħ'Attard. Minn hemm, jidher li kienet għamlet arranġamenti oħrajn għaliex kien hemm xi ħadd jistenniha u telqet f'vettura ma' raġel ieħor.

Tgħid illi għalihom kien ċar illi l-attriċi kienet qiegħda tieħu vantaġġ tal-qagħda medika tiegħu. Dan iż-żmien, S kien diġa għamel perjodu ġewwa l-iSptar Monte Karmeli u kien magħruf mill-konsulenti mediċi tiegħu bħala persuna vulnerabbli u persuna li faċilment jiġi manipulat. Tixhed illi binha, ta' madwar għoxrin sena, ġie dijanjożat illi jbati minn *paranoid schizophrenia* u għalhekk dan l-episodju xejn m'għamillu ġid. Fil-preżent jinstab stabbli u jgħix b'mod permanenti ġewwa Tarxien Hostel amministrat minn Richmond Foundation.

**<u>Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-partijiet huma ugwalment ħatja tat-tkissir taż-żwieġ u li t-tnejn ikkawżaw lil xulxin sevizzi u nġurji gravi.</u>**

Issir referenza għall-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16[33] tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipula "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

[33] Il-Kodiċi Ċivili;

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[34] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[35] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu appena ċċitat isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[36] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[37]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, **l-inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

---

[34] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[35] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[36] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[37] Vol. XLV C.ii.708

L-aġir tal-attriċi li tiżżewweġ lill-konvenut ma kienx għajr attentat tagħha li tgħix fil-ħajja ta' lussu u divertiment illi huwa kien ippreżentalha fil-ftit tax-xhur tal-għerusija. Ċertament illi l-motivazzjoni tagħha ma kinitx l-imħabba iżda l-flus. Hemm ċerti diskrepanzi fix-xiehda tagħha li jqanqlu dubji dwar il-verżjoni illi tirrakkonta bħal fatt li emmnet lill-konvenut li mingħajr ċittadinanza ma setax jiftħilha kont bankarju hawn Malta, meta hija gradwata bil-Masters fil-finanzi u l-ekonomija. Tiddeskrivi l-iżolament li riedha fih żewġha imma fiż-żewġ okkażjonijet li xtaqet tallontana ruħha mid-dar, sabet ħbieb lestii biex jgħinuha, allura ma kinitx daqstant weħidha. Lanqas ma jagħmel sens li S ma kienx jipprovdilha ikel, imma kellha flus biżżejjed biex tmur is-sauna.

S D min-naħa tiegħu u fil-kondizzjoni severa tiegħu, qatt ma missu żżewweġ jew tħalla jiżżewweġ[38]. M'hemm l-ebda prova li tindika li l-attriċi kienet konsapevoli tal-marda akuta u permanenti li minnha kien qiegħed ibati l-konvenut. Il-fatt li l-familja tal-konvenut ma żvelawx dan lill-attriċi, u li ma impedewx iż-żwieġ kienet ta' moħqrija fuq l-attriċi. Inoltre, il-konvenuti ma kkontestawx il-vizzju kbir tal-logħob li għandu S D u lanqas ikkontestaw in-natura aggressiva tiegħu. Illi dawn iż-żewġ kwalitajiet ma tantx setgħu jirrendu l-ħajja matrimonjali feliċi u b'hekk S D huwa kkunsidrat ugwalment ħati għat-tkissir taż-żwieġ.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija ugwali taż-żewġ partijiet, li rrendew ruħhom ħatja ta' moħqrija (sevizzi) u inġurji gravi fil-konfront ta' xulxin.

## 7. <u>Dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 52</u>

[38] għat-tieni darba!! Jirriżulta mis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet inversi, ġja ċċitata, illi Stefan Spiteri kien diġa żżewweġ ma' mara oħra barranija u ddivorzjaha. Fol. 53 et seq.

Permezz tal-ħames talba tagħha, l-attriċi talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi D sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet.

It-tortijiet imputabbli lill-konvenut, ta' moħqrija u nġurji gravi, huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk, b'differenza minn kawżali oħrajn, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet huma abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[39];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

---

[39] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Fir-rigward tal-ħtijiet tal-attriċi stess, li wkoll hija ħatja ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront ta' żewġha, il-Qorti għandha l-fakolta` illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, u minkejja n-nuqqas tat-talba appożita mill-konvenut, tapplika wkoll l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-attriċi, kif effettivament sejra tagħmel.

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, in toto, fil-konfront taż-żewġ partijiet.

## 8. Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Rigward it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[40]

M'huwiex kontradett illi l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali f'Awwissu 2009. Minn dakinhar il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw jew għexu flimkien. Il-proċeduri tad-divorzju ġew intavolati fit-8 ta' Frar 2017. Kif intqal, m'hemmx lok ta' manteniment bejn il-partijiet u għalhekk ma jistgħux jirriżultaw kwistjonijiet dwar dan.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju. Jirriżulta illi meta l-konvenuta nomine ressqet it-talba għad-divorzju, il-partijiet kien ilhom *de facto* separati għal iktar minn disa' (9) snin. M'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment.

## 9. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Illi kif diġa ntqal, il-partijiet kienu resqu għall-kuntratt ta' qabel iż-żwieġ, fejn *inter alia* huma eskludew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Illi dan il-kuntratt ġie rexiss fuq ordni tal-Qorti bil-konsegwenza illi l-istipulazzjoni dwar l-esklużjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġiet ugwalment rexissa. B'hekk dan ifisser illi fin-nuqqas ta' stipulazzjoni valida rigward ir-reġim patrimonjali illi japplika bejn il-partijiet, huwa r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li jirregola l-assi tal-konjuġi. Dana ai termini tal-Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula:
***1316. (1) Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku.***

**Illi f'dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun għaqli, minkejja li m'għandhiex domanda f'dan is-sens, illi**

[40] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

**tiddikjara li bil-preżenti, l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi D qiegħda tiġi xolta.**

## 10. Dwar il-krediti dotali u parafernali tal-attriċi

L-attriċi tinsisti illi fil-fixkla li biha telqet mid-dar matrimonjali, hija ħalliet warajha żewġt'iċrieket li xtrat minn flusha. Wieħed xtratu minn Malta fil-21 ta' Frar 2009 u l-ieħor minn Dubai fit-8 ta' Mejju 2009. Hija tesebixxi riċevuti[41] in sostenn ta' dan, liema rċevuti pero` ma jikkonvinċuh lill-Qorti li l-istess oġġetti tħallsu minn flus A personalment. L-irċevuta taċ-ċurkett li nxtara minn Malta fit-23 ta' Frar 2009[42] m'hijiex intestata. L-istess jingħad għall-irċevuta tal-gojjellerija mixtrija minn Dubai fit-8 ta' Mejju 2009[43], iżda l-firma tal-klijent fuq l-istess riċevuta m'għandha l-ebda xebħ mal-firma tal-istess attriċi fuq l-affidavit. Illi b'hekk, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dawn inxtraw minn assi parafernali tal-attriċi.

L-imsielet tad-djamanti inxtraw minn S D ftit tal-jiem qabel iż-żwieġ, ossia fid-9 ta' Ġunju 2009[44]. L-attriċi ssostni li dawn ingħataw lilha bħala rigal tat-tieġ u għandhom jiġu restitwiti lilha. Illi in vista li l-Qorti qiegħda tapplika l-effetti kollha tal-Artikolu 48 fil-konfront taż-żewġ partijiet, dana jfisser illi l-attriċi tilfet dak kollu li kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ. Effettivament dana jfisser illi hija m'għandhiex il-jedd illi tirkupra l-imsielet tad-djamanti illi l-konvenut kien xtralha bħala rigal tat-tieġ.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

---

[41] Fol. 78 et seq.
[42] Fol. 84
[43] Fol. 85
[44] Riċevuta fol. 78;

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ, ossija d-divorzju, bejn il-partijiet konjuġi D, bi ħtijiet imputabbli ugwalment liż-żewġ partijiet;

[2] Tiċħad it-tieni talba attriċi in vista li l-kitba taż-żwieġ bejn il-partijiet ġiet rexissa fuq ordni tal-Qorti tal-Appell;

[3] Tiċħad it-tielet talba attriċi għall-istess raġuni;

[4] Tiċħad ir-raba' talba;

[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tapplika kontra S D l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-istess Kodiċi, tapplika wkoll kontra l-attriċi, l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[6] Tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet qiegħda tiġi xolta b'effett mill-preżenti;

[7] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, in vista tal-ħtijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taż-żwieġ, dawn ikunu sopportati ugwalment mill-partijiet.